

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-28 ta' Jannar 2014**

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju

(2014/146/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwarf il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) L-Unjoni nneozjat mar-Repubblika tal-Mawrizju Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd, li jagħti lill-bastimenti tal-UE opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li fihom ir-Repubblika tal-Mawrizju teżerċita s-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħha.
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju ("il-Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd") ġie ffirmat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/670/UE tad-9 ta' Ottubru 2012 dwarf l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju (¹).
- (3) Il-Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd għandu jiġi approvat,

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Mawrizju huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, fisem l-Unjoni, in-notifikasi previsti fl-Artikolu 17 tal-Ftehim ta' Sħubija dwarf is-Sajd (²).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

G. STOURNARAS

(¹) ĠU L 300, 30.10.2012, p. 34.

(²) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.